

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14459/19

DEVGEN 215
GENDER 56
SUSTDEV 167
SOC 769
ONU 131
ACP 138
RELEX 1092
COHAFA 101
COHOM 123

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13993/19
Suġġett:	L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2018: It-tishiĥ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tishiĥ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2018: It-tishiĥ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tishiĥ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE, kif adottati mill-Kunsill fit-3732 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Novembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2018:

It-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE

1. Il-Kunsill jinnota li matul l-2018, sar aktar progress sinifikanti globalment fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bniet u tan-nisa. Diversi pajjiżi adottaw jew lesti li jadottaw liġijiet dwar l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni, żiedu l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru tagħhom u tejbu l-kwalità tar-rappurtar u l-proċessi ta' trasparenza tagħhom. Hemm evidenza li s-sitwazzjoni tal-bniet u tan-nisa qed titjieb, b'inqas każijiet ta' żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat, inklużjoni soċjali aħjar u parteċipazzjoni akbar fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika. Madankollu, minkejja t-titjib kollu, l-ebda pajjiż fid-dinja għadu ma jista' jitqies li jinsab fit-triq it-tajba għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi sal-2030. Il-Kunsill jinsab imħasseb li, skont l-estimi, bir-rata attwali ta' titjib iridu jgħaddu 108 snin biex tintemm id-disparità globali bejn is-sessi¹. F'bosta partijiet tad-dinja, it-tgawdija sħiħa min-nisa u l-bniet tad-drittijiet tal-bniedem kollha mhux qed tingħata prijorità, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, qed jiffaċċjaw sfidi dejjem akbar fl-ispazju demokratiku li qed jiċkien globalment. Barra minn hekk, il-konflitti fit-tul, l-impatt tat-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali u s-sitwazzjonijiet ta' ċaqliq sfurzat jaggravaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi.
2. Hemm hteġa urġenti għal rispons ferm aktar profond, rapidu u ambizzjuż fil-livell globali, reġionali u dak lokali, sabiex titwettag l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-miri relatati mal-ġeneru tagħha. Il-Kunsill għalhekk jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ u sod tal-UE u tal-Istati Membri biex sal-2030 jiksbu s-17-il SDG, inkluż biex tiġi promossa t-tgawdija sħiħa min-nisa u mill-bniet tad-drittijiet tal-bniedem kollha, tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' politika u azzjoni. Din hija prijorità ewlenija tal-UE, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda ewlenija li tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet billi tallinja l-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri lejn dak l-għan. Il-progress irid jiġi aċċellerat u dak li nkiseb s'issa jeħtieġ li jitħares u jiġi ssalvagwardjat minn kwalunkwe deterjorament jew reazzjoni negattiva.

¹ Kif iddikjarat fil-Global Gender Gap Report 2018 (Rapport Globali dwar id-Disparità bejn is-Sessi) tal-Forum Ekonomiku Dinji (WEF).

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017: it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE, u jtenni l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni strateġika u effettiva tal-Pjan, permezz ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, rappurtar u segwitu fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE.
4. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u jtenni l-impenn tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU u r-riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni sħiħa u sinifikanti tan-nisa fil-prevenzjoni tal-konflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u r-riżoluzzjoni tal-konflitti kif ukoll fil-bini tar-reżiljenza tal-komunitajiet lokali. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha sabiex jiżguraw li d-drittijiet, l-aġenzija, u l-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet jiġu dejjem osservati u rispettati qabel, matul u wara konflitt. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu għall-Approċċ Strateġiku tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS), li jenfasizza l-ħtieġa għal impenji u azzjonijiet konkreti kif ukoll il-ħtieġa li n-nisa u l-bniet ikunu involuti, protetti u appoġġati u li l-pożizzjoni tagħhom tissaħħaħ sabiex jinkisbu paċi u sigurtà sostenibbli u dejjiema bħala komponenti intrinseki tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha u l-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp.
5. Il-Kunsill jilqa' l-progress kontinwu li sar fl-implimentazzjoni tal-GAP II kif ippreżentat fir-rapport annwali ta' implimentazzjoni tal-2018. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex isaħħu aktar l-appoġġ tagħhom għall-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom madwar id-dinja u li jkollhom rwol ewlieni u dejjem akbar fis-simplifikazzjoni u t-tħaddim tar-riżorsi għal dak il-għan.

6. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-enfasi akbar tal-UE fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, kif riflessi fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-2018, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; l-użu akbar tal-analiżi tal-ġeneru biex jiġu infurmati t-tfassil u l-formulazzjoni tal-proġetti; it-titjib kontinwu lejn bidla kulturali istituzzjonali; il-koerenza msaħħa u l-koordinazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, u bejn dawn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE; l-inklużjoni aħjar tal-kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi politiċi u ta' politika; u rwol msaħħa fit-trawwim tar-responsabbiltà fis-sistema umanitarja biex tiġi indirizzata l-vjolenza sessista. Huwa jilqa' wkoll il-prominenza u l-viżibbiltà ogħla li l-UE issa tagħti lill-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'fora internazzjonali rilevanti, inkluż il-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa.
7. Filwaqt li jenfasizza l-kisbiet li saru s'issa, il-Kunsill jinnota li l-progress kien żbilanċjat fost il-prijoritajiet tematiċi u fost l-atturi differenti tal-UE. Għad fadal ħafna xi jsir u dan ser jeħtieġ aktar sforzi konġunti mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ il-politika tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni u jilhqqu l-istandards minimi ta' prestazzjoni stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2016-2020).
8. Il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir li, minkejja l-progress osservat s'issa, bil-pass attwali tal-progress, ser ikun diffiċli li tintlaħaq il-mira tal-GAP sal-2020, jiġifieri li 85 % tal-azzjonijiet ġodda kollha ser jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, jew b'mod sinifikanti (Indikatur G 1) jew prinċipalment (Indikatur G 2)². F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota bi tħassib l-istimi reċenti li jindikaw li l-SDG5 jibqa' gravament sottofinanzjat. Il-Kunsill għalhekk jħeġġeġ bil-qawwa lill-atturi kollha biex jingħaqdu fl-isforzi tagħhom biex din il-mira tintlaħaq aktar malajr. F'dak il-kuntest, il-Kunsill ifakkar lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri bil-ħtieġa li jiġu inklużi objettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fiċ-ċirkostanzi kollha possibbli, u li tiġi pprovduta ġustifikazzjoni fil-każijiet kollha fejn dan ma jkunx possibbli³. Huwa jfakkar ukoll li l-miri ambizzjużi għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jinkludu dimensjonijiet oħra, bħall-età u d-diżabbiltà sabiex jiġi żgurat effett kumulattiv pożittiv.

² Kif definit mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).

³ F'każijiet bħal dawn, azzjoni tiegħu punteġġ ta' "0" bl-użu tal-indikatur tal-ugwaljanza bejn is-sessi ("G0").

9. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa. Il-Kunsill jilqa' r-rappurtar dettaljat, inkluż fl-Anness 5 tar-rapport ta' implimentazzjoni, dwar l-attivitajiet tal-UE b'rabta mas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi kif deskritt fil-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, u bi jinnota bi pjaċir iż-żieda fil-finanzjament f'dan il-qasam fl-2018. Madankollu, fid-dawl tat-tnaqqis irrappurtat fl-għadd ta' interventi ġodda, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam fis-snin li ġejjin. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-impenji li ttieħdu fil-Konferenza Internazzjonali dwar l-Iżvilupp u l-Popolazzjoni, li qed tiċċelebra l-25 anniversarju tagħha din is-sena, u jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-metodoloġija tar-rappurtar globali. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkomplu jiġu mobilizzati fondi addizzjonali u li jingħata appoġġ lill-partijiet ikkonċernati f'dan il-qasam.
10. Il-Kunsill jilqa' l-enfasi dejjem akbar tal-UE fuq il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza, bħala parti mill-fenomeni usa' ta' vulnerabbiltajiet u vjolenza bbażati fuq il-ġeneru, li min-naħa tiegħu huwa marbut mill-qrib ma' inugwaljanzi persistenti u attakki usa' fuq l-inugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u mill-bniet, inkluż il-vjolenza online, diġitali u dik ċibernetika. F'dan l-ispirtu, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri kollha biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li din is-sena tiċċelebra l-40 anniversarju tagħha.

11. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-enfasi fuq l-indirizzar tal-abbuż u l-fastidju mill-partijiet interessati rilevanti fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, fil-kuntest umanitarju u f'sitwazzjonijiet relatati mal-kunflitt. Huwa jissottolinja l-importanza tal-konformità mal-impenji li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-OECD/DAC dwar it-Tmim tal-Isfruttament Sesswali, l-Abbuż u l-Fastidju fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Assistenza Umanitarja.
12. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-atturi kollha tal-UE, inkluż l-Istati Membri, biex jibqgħu impenjati fil-prevenzjoni, il-ġlieda u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista, inkluż il-vjolenza bejn sħab intimi, prattiki dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat, il-vjolenza relatata mal-unur, kif ukoll il-vjolenza sesswali u sessista marbuta ma' konflitti, it-traffikar, l-isfruttament sesswali, l-abbuż u l-fastidju, il-vjolenza u l-bullying online/ċibernetiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa ta' għajnuna lil dawk li jkunu għaddew mis-sitwazzjoni u jfakkar fl-impenn tal-UE għall-prevenzjoni, il-ġlieda u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista, inkluż dik kontra l-irġiel u s-subien, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ta' dawk li jgħaddu minnha. Il-vjolenza sesswali u sessista hija kemm kawża kif ukoll riżultat tal-inugwaljanza bejn is-sessi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa u lill-bniet li jħabbtu wiċċhom ma' forom ta' diskriminazzjoni multipli li jinkroċjaw waħda mal-oħra, inkluż il-migranti, ir-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom kif ukoll in-nisa u l-bniet b'diżabbiltà.
13. F'dak il-kuntest, il-Kunsill jinnota bi pjaċir il-progress kontinwu fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Spotlight tal-UE u n-NU biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet madwar id-dinja, li ammontat għal EUR 270 miljun impenjati għal programmi fl-Afrika u fl-Amerka Latina fl-2018. Bl-istess mod, il-Kunsill ifaħħar it-tmexxija b'saħħitha tal-UE fir-rigward tal-Appell għal Azzjoni dwar il-Protezzjoni mill-Vjolenza Sessista f'Emerġenzi u l-appoġġ mogħti lil dawk li jkunu għaddew minn vjolenza sesswali u sessista relatata ma' konflitt, inkluż permezz tal-ħidma taż-żewġ rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi 2018, Nadia Murad u Dr Denis Mukwege. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-eżitu tal-Konferenza ta' Oslo dwar it-Tmim tal-Vjolenza Sesswali u bbażata fuq l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Kriżijiet Umanitarji.

14. Il-Kunsill jissottolinja li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija objettiv kritiku f'kull stadju tal-ħajja u għall-persuni ta' kull età, f'fażijiet u tranżizzjonijiet differenti f'ħajjithom. Dawn jistgħu jinkludu l-bidu tal-iskola, is-sħubija fis-suq tax-xogħol, it-tqala u t-tfal, iż-żwieġ, l-irmulija u l-irtirar.
15. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li l-irġiel u s-subien ikunu involuti fl-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u fl-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, li jkunu sensibilizzati aktar dwar l-impatt tal-inugwaljanzi bejn is-sessi u li jkun promoss ir-rwol attiv u sinifikanti tagħhom fl-appoġġ għall-bidla fl-imġiba, fl-indirizz tan-normi soċjali diskriminatorji u fil-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jkomplu jtejbu sostanzjalment l-użu sistematiku tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni konsistenti ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-ġbir u l-użu ta' data diżaggregata skont is-sess u l-età u indikaturi sensittivi għall-ġeneru fl-identifikazzjoni, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proċessi kollha fl-azzjoni esterna tal-UE, inkluż f'oqsma bħall-kummerċ, l-investiment relatat mal-infrastruttura, l-investiment fis-settur privat u l-programmi mħallta, inizjattivi relatati mas-sigurtà u t-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li fl-azzjonijiet esterni kollha u fil-kooperazzjoni internazzjonali tingħata wkoll attenzjoni partikolari glil oqsma tematiċi li għandhom objettiv u kontenut potenzjalment trasformattiv fir-rigward tal-ġeneru, u lill-eżaminazzjoni u l-kontestazzjoni tan-normi u l-imġiba istituzzjonali, soċjali u sistemiċi li fuqhom tibbaża l-inugwaljanza bejn is-sessi, peress li dawn huma kruċjali biex issir bidla aktar profonda. L-approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għandu jappoġġa dawn l-isforzi, inkluż permezz tal-integrazzjoni sħiħa tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-sett ta' għodod "Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE". Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tkompli tissaħħaħ il-bidla kulturali istituzzjonali biex tiġi rinfurzata l-ugwaljanza bejn is-sessi.

17. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni b'saħħitha mas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-GAP II u, b'mod aktar ġenerali, biex jintlaħqu l-SDGs. Huwa japprezza r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livell lokali u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' involviment u konsultazzjoni attivi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Ġholi u l-Istati Membri biex ikomplu u jsaħħu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni tagħhom mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet. Dan għandu jsir fil-livelli kollha tal-implimentazzjoni tal-GAP II, inkluż fl-analiżi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u tul iċ-ċikli tal-programmazzjoni u l-politika. Għandu jittieħed kont debitu tal-ħtieġa għal titjib fis-sigurtà u fis-sikurezza tan-nisa, tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u għal ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lin-nisa u lill-bniet li jgħixu f'żoni rurali.
18. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji kollha tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Ġholi biex ikomplu jaħdmu b'mod komprensiv fl-istabbiliment ta' aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, flimkien mal-Istati Membri.
19. Kif qed noqorbu lejn is-sensiela ta' stadji importanti tal-2020 - bħall-25 Anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-5 anniversarju tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-20 anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u t-tiġdid tal-Impenn Strateġiku tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 - u fid-dawl tal-adeżjoni proposta tal-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), il-Kunsill jappella lill-atturi kollha biex jagħtu attenzjoni speċjali biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki u l-azzjonijiet interni u esterni tal-UE.
20. F'dan l-isfond, il-Kunsill jinnota bi pjaċir t-tnedija tal-evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-GAP II u jtenni l-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' rappurtar simplifikati, faċli biex jintużaw u kwalitattivi. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tuża s-sejbiet tagħha biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-progress li sar taħt il-GAP II, u tiffoka l-isforzi tagħha għal Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-2020, b'livell għoli ta' ambizzjoni, integrazzjoni u implimentazzjoni fl-oqsma kollha tal-politika esterna.
